MALTA

# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

**MAĠISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2003

Numru 602/2002

Il-Pulizija
(Sp Ian Abdilla)
vs
John Bugeja, iben Paul,
imwieled Qormi fit-13 ta'
diċembru, 1966
u
William Bugeja, iben Paul,
imwieled Qormi fit-12 ta' ottubru,
1963

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputati talli f'mejju, 2001 f'dawn il-Gżejjer b'mezzi kontra
l-liġi, jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen
l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu

tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ b'qerq ta' aktar minn Lm1,000 għad-dannu tas-soċjeta' Hal Mann Ltd. u persuni oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Iulju, 2003 fejn il-prosekuzzjoni nfurmat il-Qorti li
s-somma dovuta mill-imputati hi ta' Lm1,043 u li seduta stante l-imputati kkonsenjaw lill-parte ċivili s-somma ta' Lm500.  L-imputati obbligaw ruħhom li l-bilanċ ta' Lm543 ser jitħallas fi żmien sitt ġimgħat oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tal-11 ta' Iulju, 2003 fejn l-imputati ammettew l-akkuża miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom.  Rat
l-artikolu 308 tal-Kodiċi Kriminali.  Ma tikkundannahomx għal piena karċerarja iżda tilliberhom taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmlux reat ieħor fi żmien sena mil-lum.  Inoltre, rat l-artikolu 24(1) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta u tordna lill-imputati, in solidum, li jħallsu l-bilanċ ta' Lm543 fi żmien sitt xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------